**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 13 ta' Novembru, 2024**

Numru 10

**Appell Nru. 36/2024**

**Anthony Pace**

**vs**

**L-Awtorita' tal-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Anthony Pace tat-28 ta' Gunju 2024 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-30 ta' Mejju 2024 li cahad il-petizzjoni in mertu ghar-rigward il-multa li inharget fuq l-appellant;

Rat ir-risposta tal-Awtorita;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Din hija decizjoni fir-rigward ta' petizzjoni maghmula fir-rigward tal-multa li nharget fuqu.

Il-petizzjonant spjega illi l-multa originarjament kienet inharget fil-konfront ta' Angelo Tanti u ma kienx jaf li giet trasferita f'ismu. Tramite il-legali tieghu, il-petizzjonant gie a konoxxenza tal-fatt illi fl-ahhar tas-sena 2022 kienet intbaghat notifika lilu. F'dak il-mument il-petizzjonant kien marid serjament kif jirrizulta minn dokumentazzjoni esibita. Il-petizzjonant ma kien responsabbli ta' ebda illegalita' fuq is-sit relattiv billi kien Angelo Tanti li ikkappara l-art. Dan wassal ghal proceduri gudizzjarji bejniethom.

Huwa inspjegabbli kif il-multa relattiva gie trasferita fuq il-petizzjonant meta l-Awtorita' kienet taf illi il-persuna responsabbli kien haddiehor. Hemm ghaldaqstant ragunijiet umanitarji u ingustizzja manifesta li ghandhom iwasslu li l-multa tigi mahfura.

L-Awtorita' rrispondiet fl-ewwel lok illi l-petizzjoni ma' taghmel riferenza ghal ebda multa jew invoice partikolari u ghaldaqstant l-Awtorita' stess qed issofri pregudizzju biex twiegeb ghaliha.

Sabiex il-petizzjoni tigi milqugha, ir-ragunijiet umanitarji ghalhom ikun relatati mal-ghemil tar-reat skedat u din ma tinkwadrax ruhha fil-petizzjoni odjema.

L-Awtorita' ghamlet riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Onor. Qorti tal-Appell fl-appell 38/23 John Busuttil vs L-Awtorita' (10.01.2024.) fejn il-Qorti spjegat illi l-isproporzjon mhux relatat mal-persuna mghobbija bil-multa izda s-suggett jew natura tal-akkuza jew avviz ikun sproporzjonat mal-multa moghtija.

Jista' jkun mimu illi min ghamel l-illegalita' ma kienx il-petizzjonant izda l-ligi hija cara kif anki konfennata recentement fis-sentenza 34/21 L-Awtorita' vs Palace Gate Ltd. (23.01.23) fejn il-Qori affermat il-principju illi mhix kwistjoni ta' min kellu kontroll fuq l-illegalitajiet. Il-Qorti tissimpatizza mal-posizzjoni sfortunata tas-socjeta' Palace Gate Limited izda l-istess Qorti ma' tistax li tirrimpjazza l-kelma tal-ligi b'konsiderazzjonijiet ohrajn.

Ikkunsidra
Il-ligi applikabbli tghid:
5. It-Tribunal ta ' Reviijoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghandu jezamina petizzjonijiet milqugha minnu, u ghandu jilqa' biss petizzjoni sew parzjali sew fl-intier taghha meta jkun hemm ragunijiet forzanti biex jaghmel hekk, bhal:
(a) ragunijiet umanitarji li jattenwaw ic-cirkostanzi relatati mal-ghemil tar-reat skedat; u
(b) fil-kaz meta s-suggett tal-akkuza jew tal-avviz taht l-artikolu 86(14) tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-izvilupp jew in-natura tieghu jkun manifestament ingust u, jew oppressiv, u, jew manifestament sproporzjonat meta jitqiesu n-natura u tal-fatti tal-kaz.

Ghaldaqstant it-Tribunal irid jara, tenut kont tal-petizzjoni, jekk hemm elementi li huma manifestament sproporzjonati fil-multa ikkomparat mal-avviz. Ukoll it-Tribunal ghandu jezamina jekk hemm elementi umanitarji li jimmilitaw favur l-petizzjonant.

Irid jinghad b'mod preliminari illi l-petizzjoni hija nieqsa minn riferenza specifika dwar liema multa u/jew invoice kien qed jirrefeti l-petizzjonant. L-Awtorita' kellha kull dritt tilmenta dwar din ghaliex taghmel ix-xoghol aktar difficli.

Dwar il-petizzjoni innifisha il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha 38/23 John Busuttil vs l-Awtorita deciza (10.01.2024). ghamlitha cara illi ai finijiet ta' sproporzjon dan ghandu jkun bejn is-suggett jew natura tal-illegalita' u l-ammont tal-multa. Mhux relatat malpersuna mghobbija bil-multa. Ghalhekk ma hemm ebda sproporzjon.

Tibqa' l-kwistjoni umanitarja. Din hija sitwazzjoni difficli. Il-ligi tghid b'mod car illi meta nigu ghal avvizi l-Awtorita' timxi kontra s-sidien u anki kontra l-okkupant tal-art. Il-kwistjoni

umanitarja mhux facli li wiehed jaghmel analizi taghha. Ta' min jinnota illi l-petizzjonant kien ghamel l-applikazzjoni PA 4884/21 f'April 2021 bhala sid l-art fejn applikata sabiex is-sit jitnaddaf, jigu rrangati l-boundary walls, zieda ta' timber gate, reservoir, pumpt room, store u depozitu ta' hamrija. Din giet rifjutata fl-4 ta' Marzu 2022.

L-applikazzjoni saret qabel id-dati msemmija fid-dokumenti medici esbiti mal-petizzjoni. Dan ifisser bic-car illi l-petizzjonant kien jaf sewwa x'kienet is-sitwazzjoni tal-art.

Dawn il-fatti u ligi jwassal sabiex it-Tribunal jichad il-petizzjoni n mertu.

**Ikkunsidrat**

L-Awtorita tal-Ippjanar resqet eccezzjoni preliminari li l-appell hu fuori termine billi d-decizjoni tat-tribunal iggib id-data tat-30 ta’ Mejju 2024 u l-appell tressaq fit-28 ta’ Gunju 2024, cioe disat ijiem aktar mill-ghoxrin jum li l-ligi timponi ghal appell minn decizjoni tat-Tribunal.

Wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet l-appell thalla ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni.

L-Awtorita ghandha ragun li l-appell tressaq wara l-ghoxrin jum mandatorju stabbilita mill-ligi biex isir appell minn decizjoni tat-Tribunal.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tqis li l-appell ta’ Anthony Pace bhala null billi gie prezentat fuori termine u mhux ser tiehu aktar konjizzjoni tieghu. Spejjez ghall-appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur